



Brussell, 20 ta' Marzu 2023  
(OR. en)

7498/23

TELECOM 72  
FIN 324  
COMPET 217  
MI 200

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
|--------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| fi:                      | 20 ta' Marzu 2023                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:                     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| Nru. dok. preċ.: 7043/23 |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Suġġett:                 | Rapport Speċjali Nru. 24/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji - L-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati, iżda d-disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi għadha tvarja fl-UE kollha"<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Marzu 2023) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru. 24/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji – L-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati, iżda d-disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi għadha tvarja fl-UE kollha", approvati mill-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fit-3940 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Marzu 2023.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**

**dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri  
bl-isem**

***"Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji - L-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati, iżda d-disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi għadha tvarja fl-UE kollha"***

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

**WAQT LI JFAKKAR**

– fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza<sup>1</sup>;

JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 24/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem:

"Azzjonijiet dwar il-Gvern elettroniku li huma mmirati lejn in-negozji - L-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati, iżda d-disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi għadha tvarja fl-UE kollha";

JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali;

IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu "dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku 2016-2020: inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-gvern"<sup>2</sup>, li jappellaw għal miri speċifiċi, realiści u li jistgħu jitkejlu fil-Pjan ta' Azzjoni u għal koerenza bejn l-azzjonijiet u l-istrumenti finanzjarji kkonċernati li jistgħu jgħinu lill-Istati Membri biex iwettqu t-trasformazzjoni diġitali;

---

<sup>1</sup> Dokument 7515/00 + COR 1.

<sup>2</sup> Dokument 11801/16

JAGĦRAF b'mod partikolari li:

- a) il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku 2016-2020 ma kellux baġit attribwit u, kif osservat mill-QEA, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet żviluppati kienet limitata l-aktar għall-attivitajiet kif ippjanati fl-azzjonijiet individwali u skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri;
- b) il-Kummissjoni mmonitorjat ir-riżultati tal-azzjonijiet tagħha u ma wettqitx monitoraġġ komprensiv tar-riżultati jew tal-impatti tal-pjan ta' azzjoni ġenerali lil hinn mir-riżultati tal-azzjonijiet individwali;

IFAKKAR fil-kooperazzjoni tajba bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex għal aktar minn għaxar snin mexxew il-gvern elettroniku 'l quddiem fil-livelli tal-UE u dak nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku, bl-għan li jittrasformaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi bl-użu tat-teknoloġija diġitali;

JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tar-Rapport Speċjali;

IFAKKAR li l-pandemija tal-COVID-19 issottolinjat l-importanza ta' servizzi pubbliċi diġitali reżiljenti u interoperabbli;

JILQA' l-adozzjoni f'waqtha mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali;

JISTIEDEN lill-Istati Membri jiżviluppaw il-pjanijiet direzzjonali u t-trajettorji tagħhom sabiex jilhq u l-mira li s-servizzi pubbliċi ewlenin, kif definiti fil-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, ikunu disponibbli online sal-2030;

IFAKKAR li wara l-pubblikazzjoni tat-tieni rapport dwar l-"Istat tad-Deċennju Diġitali" mill-Kummissjoni u kull sentejn minn dakinhar, l-Istati Membri kkonċernati għandhom iressqu l-aġġustamenti għall-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom li jikkonsistu f'politiki, miżuri u azzjonijiet li jkunu beħsiebhom iwettqu sabiex jilhq u l-miri diġitali;

JISTIEDEN lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew jadottaw malajr l-Att dwar Ewropa Interoperabbli<sup>3</sup> li jistabbilixxi miżuri biex jinkiseb livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni u l-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas għal Identità Diġitali Ewropea<sup>4</sup>;

JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura koerenza bejn l-azzjonijiet meħtieġa u l-istrumenti finanzjarji rilevanti li jistgħu jassistu lill-Istati Membri fil-kisba tat-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi tagħhom;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva għall-promozzjoni effikaċi tas-servizzi tal-gvern elettroniku mmirati lejn negozji madwar l-Unjoni;

JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni lill-konklużjonijiet u lir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u jħeġġiġhom jeżaminaw dawk ir-rakkomandazzjonijiet bir-reqqa.

---

<sup>3</sup> Dokument 14973/22

<sup>4</sup> Dokument 9471/21